**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 21/07 - 6 ta' Mejju 2014 - 19:00PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | *skuzata* |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Dejma Road Approvata mill-ġdid One Way
2. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 **Dejma Road – Approvata mill-ġdid One Way**

i. Is-Sindku qara ittra datata 6 ta' Mejju 2014 iffirmata mis-sidien ta' ħwienet WJA u Falcar fi triq Dejma. Fl-ittra hemm miktub li wara diversi diskussjonijiet kemm mas-Sindku Joseph Abela kif ukoll mal-GRTU, huma issa jaqblu li Triq Dejma terġa ssir One Way kif oriġinarjament kienet saret ftit taż-żmien ilu. Apparti minn hekk huma qed jissuġġerixxu li s-central strip bi dritt Triq il-Kurunell Mass kantuniera ma Triq San Anard tkun miftuħa biex tipprovdi aċċess aħjar għall-flow tat-traffiku kif ukoll jitnaqqas il-periklu. Is-Sindku dawwar xi ritratti fejn juru l-parti proposta. Din l-ittra flimkien mar-ritratti, kif mitlub, ġiet mibgħuta mill-ewwel lit-TM għal kunsiderazzjoni tagħhom.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sadanittant waslet it-tweġiba mingħand TM li Triq Dejma ġiet approvata mill-ġdid One Way għalhekk ser jerġgħu jitwaħħlu mill-ġdid it-tabelli tat-traffiku.

iii. Is-Sindku kompla jispjega li TM approvat ukoll UN/LOADING bays quddiem il-MINCOTT u quddiem il-WJA. Fil-każ ta' WJA s-sid qabel li ssir fil-parti ta' Triq Dejma kantuniera ma triq Kurunell Mass fejn hemm il-bankina wiesgħa. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li titkisser parti mill-bankina sabiex UN/LOADING bay ssir parallel mal-armatura tal-faċċata. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Ser niċċekjaw mat-TM għall-approvazzoni tagħhom.

2 **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

i. Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**